MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 187/2002/1

**Eurobridge Shipping Services Ltd**
**vs**

**APA Import & Export u b'digriet tat-22 ta' Frar, 2002 qabel il-kliem APA Import & Export taht isem il-konvenut, jizdiedu l-kliem "Alex Pace Ezercenti l-Kummerc f'isem"**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fid-29 ta' Jannar 2002, fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u sitta u tmenin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm686.80) rapprezentanti ammont dovut mill-konvenut ghal *shipping services* li s-socjeta' attrici pprovdiet fuq inkarigu tal-konvenut.**
**Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fit-22 ta' Frar 2002 fejn intqal illi:**

**It-talba tas-socjeta' attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi l-ammont mitlub fl-avviz thallas mis-socjeta' attrici bi zball u ghalhekk il-konvenut m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta' attrici ghall-ispejjez li soffriet tort taghha stess.**

**Bl-ispejjez.**

**Semgha x-xhieda ta' David Abela u Alex Pace.**

**Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Is-socjeta' attrici qed titlob is-somma ghal "shipping services".**
**2. David Abela, Managing Director tas-socjeta' attrici li fiz-zmien il-kwistjoni kien Operations Manager xehed li l-konvenut kien talabhom jipprocessaw dokumenti d-dwana rigwardanti "cream powder". Is-socjeta' attrici hadet hsieb l-clearance mid-dwana, halset VAT fuq il-hdax-il lira tal-clearance, lira (Lm1.00) talli marru l-port head u sitt mija u tlieta u sebghin lira (Lm673) VAT lid-dwana ghall-konvenut. Skond l-istess xhud il-konvenut ried li s-socjeta' attrici tipprocessalu l-karti hi.**
**3. L-attur ighid li meta kkonsulta dwar id-dazju, levy, VAT li ghandu jithallas, sab li fuq « cream powder » kien hemm levy ta' hamsin centezmu l-kilo u peress li kien hemm bi tlettax-il tunellata xoghol, kienu jgibu levy ta' sitt elef lira (Lm6,000). L-attur ighid li kien ikkuntatja lill-konvenut u dan qallu li ma jhallasx levy fuqu. Abela fittex FSH Code u sab li l-aktar vicin ghal "cream powder" kien "liquid/dry softdrink concentrate ». Qal ukoll li rrizultalu li kull tip ta' cream, sija fil-forma ta' powder jew le, kien jehel levy. Abela qal illi minflok il-levy huwa ghazel prodott**

**li fuqu kien ser jehel VAT biss billi nizzlu taht id-deskrizzjoni « other « u d-dwana accettaw l-entry li ghamel. Dana skond ma jirrizulta mid-dokument DA esebit, cioe' zewg pagni mill-*Integrated Tariffs of Malta* mahrug mid-Dwana. Jirrizulta li sussegwentement Patrick Pace ma riedx ihallas il-VAT, ghalkemm din setghet tigi rifuza. Sussegwentement Pace ma talabx ir-rifuzjoni u baqa' ma hallasx.**

**4. Il-konvenut Alex Pace jikkonferma li ghadda d-dokumenti lis-socjeta' attrici sabiex ighadduhom id-dwana, u skond hu Abela kien qallu li kienet taqa' taht il-levy, u kien ix-xhud li qallu li mhix "cream powder", izda likwidu, u li kien ghalhekk li Abela kien se jara fejn tidhol. Skond Pace, Abela dahhalha taht "concentrate to make a soft drink", li m'ghandhix x'taqsam u ghalhekk gie bil-VAT. Il-konvenut jikkonferma li hu hallas tal-freight, izda mhux tal-VAT. Skond ix-xhud biex taqa' taht deskrizzjoni li ma thallasx levy u lanqas VAT, kellha taqa' taht id-deskrizzjoni "other of other".**

**5. Skond fax mibghut mis-socjeta' attrici lill-konvenut datat 30 ta' Mejju, 2001, is-socjeta' attrici tirrileva li hadd minn naha tal-konvenut kien infurmahhom li ma kienx hemm VAT fuq il-"cream" in kwistjoni in kwantu din kienet ezentata. Il-konvenut b'fax datat 17 ta' Ottubru, 2001 rega' gharraf lis-socjeta' attrici li kif gia kien infuramhom, hu ma kienx ser ihallas VAT peress li l-prodott kien ezenti mill-VAT.**

**6. Ghalhekk jirrizulta illi s-socjeta' attrici tat is-servizzi mehtiega b'konsultazzjoni mal-konvenut u ghamlet dak li setghet sabiex b'mod legali tavvantagga lill-konvenut. Da parti tieghu, l-konvenut setgha jitlob ir-rifuzjoni tal-VAT u kienet ghazla tieghu li ma jaghmilx hekk. Konsegwentement it-talba attrici hija gustifikata.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' attrici u jikkundanna lill-konvenut li jhallas is-somma ta' sitt mija sitta u tmenin lira u tmenin centezmu (Lm686.80c). Bl-imghax legali mit-22 ta' Frar, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------